

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2015/874****tas-27 ta' Mejju 2015****dwar l-aċċettazzjoni ta' kontribut ta' Stat terz għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) (EUTM Mali/1/2015)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/34/PESK tas-17 ta' Jannar 2013 dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni 2013/34/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jistieden Stati terzi biex joffru kontribuzzjonijiet u biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar l-aċċettazzjoni tal-kontributi proposti minn Stati terzi.
- (2) Wara rakkomandazzjoni dwar kontribut mir-Repubblika tal-Albanija ("Albanija") mill-Kmandant tal-Missjoni tal-UE u rakkomandazzjoni mill-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea, il-kontribut mill-Albanija għandu jiġi aċċettat.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li jkollhom implikazzjonijiet ta' difiża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-kontribut mill-Albanija għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) huwa aċċettat u meqjus bħala sinifikanti.
2. L-Albanija hija eżentata minn kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-baġit tal-EUTM Mali.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Mejju 2015.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà**Il-President*

W. STEVENS

---

<sup>(1)</sup> ĠUL 14, 18.1.2013, p. 19.